MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1143/2010

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Anthony Axiak, iben George, imwieled Birkirkara fis-26 ta' Ottubru, 1957, Karta ta' l-Identita numru 743957(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fid-19 ta' Mejju, 2010 u fiż-żmien ta' qabel f'dawn il-Gżejjer seraq senter tal-marka Luuigi Franchi b'numru ta' serje mħassar li jiswa aktar minn €233 iżda anqas minn €2,500 għad-dannu ta' persuna mhux magħrufa liema serq hu aggravate bil-valur tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew

akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex imexxihom;
3. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu;
4. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ġie fil-pussess ta' arma tan-nar, jiġifieri senter tal-marka Luigi Franchi, b'numru ta' serje mħassar, jew munizzjon, xort'oħra milli b'liċenza, u minnufih naqas li jagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, ħalli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinzammu taħt idejn il-pulizija jew taħt idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviż;

5. talli fix-xahar ta' April u/jew Mejju, 2010 kien għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art waqt staġun magħluq;
6. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi naqas li jikkonforma ruħu ma xi dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew naqas milli jikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet ta' xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jiġifieri tal-A. L. 79 ta' l-2006, kif sussegwentement emendat;
7. talli fl-istess data, lok, perjodu u ċirkostanzi kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa mposta minn jew taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 kif sussegwentement emendat;
8. talli fl-istess data, lok, perjodu u ċirkostanzi ikkonfoffa jew ittanata, jew għin, ħajjar, ta parir jew flus lil xi ħadd ieħor biex jikser xi dispozizzjoni bħal dawk (inkluza ordni leġittimament mogħtija skont xi dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa mposta minn jew taħt

ir-regolamenti ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, kif sussegwentement emendat.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena skont il-liġi tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jottjeni l-liċenzja tal-arma għal żmien mhux anqas minn sena.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda addebitu kontra l-imputat u kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------